MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Rikors Kongunt Numru. 333/2013

**AB u CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li *in forza* tieghu, ir-rikorrenti wara li ppremettew :

Illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Ottubru 2003, fil-Knisja ta' San Frangisk, Villa Ambrosa, il-Hamrun skond kif jidher fic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat dokument A u minn dan iz-zwieg kellhom tifla Martina li llum ghandha 7 snin.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn ma xulxin mill-5 ta' Ottubru 2009 kif jidher fil-kuntratt ta' separazzjoni ppublikat minn Nutar Dorita Galea Medati li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness u mmarkat dokument B.

Illi l-partijiet kienu effettivament isseparati de facto mit-12 ta' Dicembru 2008 u allura ilhom effettivament isseparati minn ma xulxin ghal izjed minn 4 snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohra/familji godda.

Illi ma hemm ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante illi fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq riferit, il-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin u fir-rigward tal-minuri Martina obbligu ta' manteniment minn parti lill-parti l-ohra wkoll mhux dovut stante illi kull parti ghandu responsabbilita individwa ghall-manteniment tal-minuri meta din tkun maghhom.

Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan il-hall jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku skond il-ligi.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Lulju, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-5 ta’ Ottubru 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------